# BEATI U QADDISIN...MEJJU

20 Mejju San Bernardinu minn Siena

Gurnata wahda fis-sena 1408, l-appostlu l-kbir San Vincenz Ferrer waqaf mill-priedka tieghu biex jghid lis-semmiegha ta' quddiemu li fost dawk li kienu qed jisimghuh kien hemm persuna li jum wiehed ikun predikatur frangiskan mill-aqwa li jaghmel unur lill-knisja ta' Kristu. Dan il-patri mhux maghruf kellu jkun ikkanonizat sitt snin biss wara mewtu u ma kien hadd iktar minn Bernardinu li kellu biss 28 sena. Ta' twelid nobbli huwa qatta' zoghzitu jaghmel opri tal-hniena mal-batut ,u jiehu hsieb il-morda.



Kellu difett fil-kliem u minhabba dan kien hemm dubju serju kemm kien ser ikun predikatur tajjeb, izda ghat-talb lil Marija Ssma dan l-ostaklu gheb mirakolosament fis-sena 1417 u l-patri seta' jibda jippridka bla probelmi ta' xejn u baqa' hekk sa ma miet.

Jum wiehed waqt li kien qed jippridka fuq l-Imqaddsa Vergni Marija, applikalha l-vers ta' l-Apokalissi: " U sinjal kbir jidher fis-sema, mara imlibbsa bix-xemx..." Dak il-hin dehret kewba ta' dawl qawwi fuq rasu. Grupp grieki li kienu jifhmu biss bil-lingwa taghhom fehemuh meta hu tkellem bit-taljan. Bil-qawwa ta' l-Isem ta' Gesu' hafna kienu li daru mill-gdid lejn Alla.

Imma Alla ghaddieh mit-triq tas-Salib. Gie akkuzat li kien eretiku.  Ghadda minn bosta qrati u kellu jghaddi z-zmien sakemm kulhadd ra li kien innocenti. Fis-sena

1427 huwa rrifjuta l-ghazla tieghu ta' isqof biex ikompli jppridka. Huwa fejjaq nies morda bil-lebbra u qajjem mill-imwiet bosta nies mejta.

San Bernardinu gie maghzul bhala Vigarju Generali ta' l-Ordni tieghu fis-sena 1438, ufficcju li zamm ghal hames snin . Huwa kompla jghallem u jippridka sakemm hass li kellu jiritra fis-sena 1444.  Miet dik is-sena fil-jum tal-festa tat-Tlugh is-Sema ta' Gesu'. Fis-sena 1450 huwa gie ikkanonizat.